MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH CASSAR**

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2003

Numru 951/2002

**Il-Pulizija**
(Spettur Neil Harrison)
(Spettur Norbert Ciappara)
**vs**
**Romeo Bone**

Il-Qorti,

**1.**Wara li rat il-mandat ta' arrest mahrug mill-Magistrat J. Cassar in forza ta' l-artikolu 14 tal Kapitolu 276 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront ta' Romeo Bone,

**2.**Wara li rat ir-rapport tal-Ufficcjali prosekuturi mahluf fl-20 ta' Novembru 2002,

**3.**Wara li rat li quddiemha tressaq l-imsemmi Romeo Bone, imwieled il-Pieta' nhar it-28 ta' marzu u joqgod 13B, triq Pietro Floriani, l-Floriana karta ta' l-identita numru 195376 (M), sabiex din il-Qorti tmexxi kontrih, ai termini ta' l-estradizzjoni li huwa mfittex mill-Interpoll u l-Pulizija

Taljana kif wkoll li hemm allegati kontrih mill-Procura Distrettuale Della Repubblica-Catania.

**4.**Wara li rat l-awtorita ghal-procediment mahruga mill-Onorevoli Ministru tal-Gustizzja u Gvern Lokali fit-23 ta' Dicembru 2002.
"Billi l-Gvern tar-Repubblika ta' l-Italja, pajjiz barrani imsemmi ghall-finijiet tal-Artikolu 7 ta' l-Att dwar l-Estradizzjoni tal-1978, ghamel talba biex jitregga lura f'dan il-pajjiz Romeo Bone cittadin Malti, bin Joseph u Anna nee' Zarb, imwieled nhar it-28 ta' Marzu 1976 gewwa l-Floriana u detentur tal-Karta ta' l-identita numru 195376 (M), residenti fi 13B, Triq Pietro Floriani, l-Floriana li huwa akkuzat bid-delitt talli fit-30 ta' Mejju 2002 u fil-jiem ta' qabel din id-data gewwa Catania, flimkien ma ohrajn akkwista, importa mill-Olanda, ittrasporta u zamm ghal-skop ta' traffikar lil-terzi, medicini perikolozi u cioe' 'Cocaine' u marijuana, kif jidher mill- partiti 1 u 2 fl-iskeda hawn annessa u mmarkata 'X' (fol 43)

**5.**Wara li rat id-dokumenti kollha esebiti u l-atti, semghet ix-xhieda bil-gurament, semghet it-trattazzjoni ta' –Avukati

**6**.Wara li accertat ruhha dwar
(a) l-identita tal-persuna quddiemha, Romeo Bone

(b) il-prova tat-talba bil-miktub tal-pajjiz barrani, jigifieri l-Italja, hija pajjiz skedat, u ghalhekk, hi pajjiz barrani 'a tenur ta' l-artikolu 6 tal-Kapitolu 276;
(c) l-awtorita ghall-procediment diga msemmija

(d) il-mandat barrani awtorizzanti l-arrest tal-persuna msemmija f'dawn il-proceduri

(e) id-dettalji dwar fatti u ligijiet kostitwenti il-bazi ta' l-akkuza, wkoll ir-reat jew reati in meritu u l-evidenza permezz ta' liema kien inhareg il-mandat ta' arrest provisorju, u sussegwentament, li l-awtorita ghall-procediment, tal-Ministru tal-gustizzja u Gvern Lokali.

**7.**Wara li rat dawn il-rekwiziti preliminary kollha jirrizultaw sodisfatti mill-aspett procedurali skond il-ligi.

**8.**Wara li semghet it-trattazzjoni ta' l-abli avukati, l-Qorti ser timxi skond l-istadi u l-ordni tal-punti quddiemha.

**9.**Fis-seduta tas-26 ta' Frar 2003 id-difiza tghat l-eccezzjoni tan-nullita tal-proceduri ghaliex qatt ma intalbet proroga 'in visto' ta' dak li jipprovdi l-artikolu 15 (4) ta' l-Att Dwar l-Estradizzjoni.

**10.** Fit-12 ta' Marzu 2003 (fol 159) il-Qorti billi nghatat din l-eccezzjoni baghtet l-atti lil-Avukat Generali billi l-istess Qorti qatt ma tablet proroga.

**11.**Fit-18 ta' Marzu 2003 l-Avukat 2003 l-Avukat Generali talab lill-Qorti li "billi l-atti tal-proceduri ta' l-estradizzjoni huma difettuzi ghat-tenur tal-artikolu 432(2) tal-Kodici Kriminali …….joghgobha tibda mill-gdid il-proceduri u taghlaqhom fi zmien hamest ijiem tax-xoghol."

**12.** Fit-trttazzjoni bil-fomm l-abli difensur kien issottometta li

"jekk il-Qorti Rimandanti tara s-sitwazzjoni li kif qed tissottometti d-difiza (nullita), allura wiehed jieqaf hemm, imbaghad il-kollega (prosekuzzjoni) trid nergghu nibdew mill-gdid nibdew mill-gdid" (fol 184-185)

**13.**Il-kwistjoni kollha hi jekk l-artikolu 432(2) tal-Kapitolu 9 hux applikabbli ghall-Qorti Rimandanti. Din skond il-Ligi ghandu jkollha l-istess funzjonijiet ta' Istruttorja 'sa fejn jista' jkun l-istess poter'. Dawn is-setghat gew iccarati bl-emendi ghall-artikolu 15 (4) ta' Att dwar l-Estradizzjoni.

**14.**Il-Qorti tirritjeni li l-imsemmi artikolu 432 (2) tal-Kapitolu 9 hu applikabbli ghall-Qorti Rimandanti li hija Qorti Istruttorja ghalhekk il-proceduri li kienu 'difettuzi' gew sanati fis-seduti tal-21 ta' Marzu 2003 u tal-25 ta' Marzu 2003 fejn rega inqara bil-gurament l-att ta' l-akkuza, sar l-

ezami ta' l-estradat u d-difiza ezentat lill-prosekuzzjoni milli terga tresaq il-provi.

**15.** Billi l-Qorti qed tirritjeni li l-artikolu 432 (2) tal-Kapitolu 9 hu applikabbli ghal-kaz qed tichad l-eccezzjonijiet kollha ta' nullita'.

**16.**Id-difiza qeghda tissottometti li Romeo Bone ghaddej proceduri f'Malta flimkien ma' ohrajn (mhux quddiem din il-Qorti) mixli bejn wiehed u iehor bl-istess reati li ghalihom qed tintalab it-treggieh lura lejn l-Italja quddiem din il-Qorti u ghalhekk m'ghandux jigi mregga lura. Il-Qorti tifhem li l-artikolu 12 tal-Kapitolu 276 ifisser li jekk hemm proceduri f'Malta kontra persuna li taghha qed jintalab it-treggih lura, l-ewwel iridu jintemmu dawk il-proceduri fejn l-akkuzat jista' jinstab hati jew jigi liberat. Jekk jinstab hati irid jaghmel tajjeb ghal-piena f'Malta. Wara dan kollu jista' titqajjem il-massima ta' 'ne bis in idem', principju qaddis imsejjes fuq il-jeddijiet tal-bniedem.

F'dan il-mument ghad m'hawn l-ebda sentenza. Hemm it-talba mir-Repubblika ta' l-Italja u kopji ta' l-akkuzi f' Malta pprezentati minn Romeo Bone.

**17.** Il-Qorti fil waqt li tichad din l-eccezzjoni ser tissenjala xi taghlim li jidhrila li hu ta' siewi dwar in 'nes bis in idem'.

**18a.** "Biex tali eccezzjoni tkun tista tigi ssollevata b'success irid jirrizulta mhux biss li il-persuna kkundannata b'dik is-sentenza hija l-appellant odjern…….izda li l-fatt imputat li tieghu jkun instab hati jew li minnu jkun liberat permezz ta' dik is-sentenza appellate u mhux xi fatt li jifforma l-meritu tas-sentenza appellata." (ara 'Il-Pulizija vs Vella et' App. Kriminali 19/02/1999 u sentenzi hemm imsemmija)

**b.** L-artikoli 527 tal-Kodici Kriminali jghid
"Wara sentenza li f'kawza tillibera imputat jew akkuzat, dan ma jistax ghall-istess fatti ikun suggett ghal-kawza ohra".

**c**. Ghalkemm din id-dispozizzjoni titkellem biss dwar liberazzjoni u mhux wkoll dwar kundanna, il-Qrati taghna dejjem interpretawha bhala li tinkludi wkoll il-kaz fejn persuna tkun giet misjuba hatja ta' l-istess fatt. Bl-espressjoni "l-istess fatt" wiehed ghandu jifhem il-fatt fizikament rigwardat, konsistenti ghalhekk kemm fl-element materjali- att ta' kommissjoni jew ommissjoni- kif wkoll f'dak formali tieghu. Mhux bizzejjed li l-fatt ikun jirriward l-istess oggett (ibid).

**d**. Sir Anthony Mamo fin-noti tieghu jghid (Vol 1.43)
"By saying that res judicata extinguishes the criminal action we mean precisely that, for the same fact, in respect of which proceedings have already been taken and a final judgement given, sentencing or acquitting the defendant, it is not lawfulto exercise the action a second time. This constitutes what is known as the "auctoritas" of the "res judicata" and is also expressed by the maxim "ne bis in idem". It may be that a judgement may not be the truth: but it is considered, as if it were: " pro veritate habetur." This is expedient in the interest of public good order and tranquillity "interest rei publicae ut sit finis litium"; but it is specially necessary in the interest of the security and the liberty of the citizen who having undergone one trial and been convicted or acquitted of a fact, should not be molested or exposed to peril again much less suffer a double punishment for the same fact:
izied (ibid p.47)
"The previous judgement in order to have a fresh preosecution in respect of the same facts must have been a final judgement, that is to say a judgement on the merits of the charges. Such are not for instance the decision committing the defendant for trial, the decree discharging the accused for default of the filing of the indictment within the prescribed time, the decision of want of the jurisdiction of the Court or of the nullity of the indictment"

**19.** Id-difiza ressqet quddiem din il-Qorti x'tifsira jaghti l-Kapitolu 276 ghal-kelma 'Kriminali mahrub' u abbinata mal-kwistjoni jekk hemmx 'prima facie' kaz ghat-treggieh lura tal-persuna li ghaddejja minn dawn il-proceduri. Il-funzjoni ta' din il-Qorti bhala Qorti Rimandanti tinsab

imfissra fl-artikolu 15 tal-Kapitolu 276. dan l-artikolu jistipula li l-Qorti Rimandanti ghandu jkollha l-istess funzjonijiet ta' Qorti Istruttorja u 'sa fejn jistgha jkun l-istess poteri' (ara fuq). Minn dan johrog car li din il-Qorti ghandha tezercita l-funzjoni bazika li tisma u tigbor il-provi kollha li jressqu l-partijiet, u fl-gheluq tal-kumpilazzjoni tal-provi tiddeciedi, wara li tkun iddeterminat jekk l-akkuzi humiex bazati fuq retai ta' estradizzjoni, tiddeciedi ulterjoment jekk il-provi humiex bizzejjed sabiex jiggustifika li dik il-persuna tghaddi proceduri dwar dak ir-reat li kieku kien sar fil-gurisdizzjoni tal-Qrati tal-Gustizzja Kriminali ta' Malta. (artikolu 15 (3) (a) tal-Kapitolu 276) .

**<u>20.</u>** L-artikolu 2 tal-Kapitolu 276 "Kriminal mahrub" tfisser persuna li tkun akkuzata jew misjuba hatja ta' reat ta' estradizzjoni li jkun gie maghmul fil-gurisdizzjoni ta' xi pajjiz li ma jkunx Malta li tkun qeghda jew ikun hemm suspett li tkun qeghda Malta; u kull meta dik il-frazi tinsab dwar xi pajjiz bhal dak tfisser kriminali mahrub akkuzat jew misjub hati ta' reta ta' estradizzjoni li jew misjub hati ta' reat estradizzjoni li jkun gie maghmul fil-gurisdizzjoni ta' dak il-pajjiz.

Din hija tifsira wiesgha hafna. F'dan il-kaz il-Qorti ghandha quddiemha persuna akkuzata ta' reat ta' estradizzjoni mir-Repubblika ta' l-Italja, li qeghda f'Malta, u hi l-akkuzata li ghamlet reat fl-Italja.

**<u>20. (1)</u>** ghall-finijiet ta' l-Att Dwar l-Estradizzjoni, reat li bih persuna tkun akkuzata jew kienet misjuba hatja f'pajjiz barrani specifikat ikun reat ta' estradizzjoni dwar dak il-pajjiz jekk:

(a) Ikun reat li dwaru kriminali mahrub jista' jitregga lura ghal dak il-pajjiz skond l-arrangament u li dwaru wiehed jista' jehel skond dik il-ligi, prigunerija ghal-zmien ta' tnax il-xahar jew aktar; u

(b) L-ghemil jew in-nuqqas li jikkostittwixxi reat, jew l-ghemil jew in-nuqqas ekwivalenti biex jikkostitwixxi reat kontra l-ligi ta' Malta li kieku sar f' Malta jew, fil-kaz ta' reat extraterritorjali, fl-istess cirkustanzi barra minn Malta.

**(2)** Illi mill-provi prodotti fiz-zmien preskritt mill-ligi hu sodisfacament pruvat li Romeo Bone huwa l-istess persuna li hi akkuzata fir-Repubblika ta' l-Italja quddiem l-Awtorita Gudizzjarja bir-reati indikati fl-iskeda mal-Awtorita ghall-procediment. Fuq dan jaqblu l-partijiet.

**21**. Mix-xhieda fil-kumpilazzjoni 'Il-Pulizija vs Mario Camilleri et' moghtija mill-Ispettur Neil Harrison quddiem il-Magistrat Carol Peralta u mdahhla f'dawn l-Atti, bi qbil bejn il-partijiet jirrizulta li Romeo Bone wettaq hidma flimkien ma ohrajn biex jinxtraw kokaina u marijuana mill-Olanda, jghaddu mill-Italja u jingiebu Malta fi kwantita mdaqqsa. Bone kien wiehed mill-imhuh f'din l-operazzjoni. B'ghaqal kbir il-pjan gie sfrattat mill-qawwiet tal-Pulizija Maltija u Taljan. Il-Qorti qed isejjes kollox fuq dak li ra u jaf l-imsemmi Spettur 'de proprio' u mhux fuq li qallu haddiehor.

**22.** Ix-xoghol tal-Qorti Rimandanti mhux dak li tiddeciedi l-mertu, imma li tkun sodisfatta li 'prima facie' jikkonkorru ragunijiet bizzejjed sabiex il-persuna mressqa quddiemha tghaddi process, kieku r-reati lilha addebitati gew kommessi fil-gurisdizzjoni taggha. Il-volutazjoni guridika tal-provi ghanda ssir skond ir-regoli tal-proceduri Kriminali ta' dawn il-Gzejjer

Kif qalet l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell in re "Il-Pulizija vs Anthony Satariano"(16/12/97)

"Huwa pacifiku fil-gurisprudenza li l-kriterju dwar is-sufficcjenza tal-provi ghall-fini tad-decizjoni mill-Qorti Rimandanti dwar jekk ghandhiex jew le tibghat lil persuna ghal estradizzjoni, ghandu jkun identiku ghall-kriterju dwar is-sufficcjenza tal-provi ghall-fini tad-decizzjoni mill-Qorti Istruttorja dwar jekk ikunx bizzejjed biex l-imputat jitqieghed that att ta' akkuza. Fil-kaz li l-Qorti ssib il-provi 'prima facie' jindikaw il-probabilita tal-htija jew anke jekk ikollha dubju f'dan ir-rigward, hija ghanda tibghat lill-persuna ghall-estradizzjoni. Il-Qorti Rimandanti m'ghandiex tuzurpa l-funzjoni ta' Gudikant. (ara wkoll Il-Pulizija vs Ronald Agius, 7/12/01, 'The Police vs Trundell', 30/04/90, 'Il-Pulizija vs Roberts', 16/12/96, Appelli

Kriminali ‘Il-Pulizija vs Zeppola’, ‘Il-Pulizija vs John Gaul (Qorti tal-Magistrati), 16/7/81, ‘Il-Pulizija vs Turab Ahmed Sheikh’, 20/03/2002 (Qorti tal-Magistrati); Appelli Kiriminali ‘Il-Pulizija vs Mirabella’, 13/1/71; ‘Il-Pulizija vs 14/1/84’; ‘Il-Pulizija vs Caruana’ 14/1/84; Il-Pulizija vs Cassar, 26/6/86; ‘Il-Pulizija vs Brincat, 9/12/87, ‘Il-Pulizija vs Libreri’, 5/10/97; ‘Il-Pulizija vs Ellul, 22/3/91; ‘Il-Pulizija vs Abbas Aly’.

**__23__**. Minn kif saret it-trattazzjoni l-Qorti tifhem li l-akkuzi fl-Italja huma kwazi identici ghal dawk li qed jigi akkuzat bihom Romeo Bone fi proceduri ohra (ara fuq). Barra minn Malta, jigifieri fl-Italja l-akkuza hi li flimkien ma ohrajn Romeo Bone hu mixli:
(1) “del delitto p.e.p. dagli articoli 110, 81C, P.73.COI I.T.V n 309/90 per avere in concorso fra loro ed altri correi allo stato non identificati, acquistato, importato dall’Olanda, trasportato e detenuto, allo scopo di cederla a terzi, hg. 4160 (pari a dosi comprese tra 9.638-11.1565) di sostanza stuperfacente del cui Cocaina, di cui alla tabella 1 prevista dall’art. 14 citato DPR. Accertato in Catania fino al 30.5.2002.”

(2)”dell delitto p.e.p. dall art. 110, 81C.P. 73 Co le IV, T.V n 309/90 per avere in concorso tra loro, con piu’ azioni esechuttive del medesimo disegno criminoso, illecitamente acquistato, importato dall’Olanda e detenuto allo scopo di cederlo a terzi, gia 826 (para a dosi 1.258-1.888) di sostanza stuperfacente del tipo marijuana di cui alla tabella II prevista dall art. 14 del citatoD.P.R. Accertato in Catania fino al 30.05.2002.

(3) art. 81 Codice Penale (Concorso formale, reato continuato) ara fol. 55

**__24.__** L-ewwel zewg akkuzi jikkorrispondu ghar-reati that il-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta:
22(1) (d)
Kull minn f’Malta jghin, ihajjar, jaghti parir jew ifittex biex jigi maghmul f’post barra minn Malta reat li ghalih hemm piena skond id-dispozizzjoni ta’ xi ligi korrispondenti litkun issehh f’dak il-post, jew jassoccja ruhhu ma xi persuna

jew persuni ohra f'Malta sabiex jaghmel tali reat, jew jaghmel xi haga biex ihejju jew jiffacilita xi att li, li kieku jsir f'Malta ikun reat kontra din l-Ordinanza jew

22(1) (e) ikun cittadin ta' Malta jew residenti permanenti f'Malta, li f'xi post barra minn Malta jaghmel xi haga li jekk issir f'Malta tikkostitwixxi reat ta' bejgh jew traffikar ta' medicina kontra din l-Ordinanza jew reta that il-paragrafu (f) ta' dan is-subartikolu jew reat

22(1) (f) jassoccja ruhhu ma xi persuna jew persuni ohra f'Malta jew barra minn Malta sabiex ibiegh jew jittraffika medicina f'Malta kontra d-dispozizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, jew li jippromwovi, jikkostitwixxi, jorganizza jew jiffinanzja l-assocjazzjoni, ikun hati ta' reat kontra din l-Ordinanza.
Ir-reat kontinwat hu kontemplat fl-artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghalhekk tirrizulta 'prima facie' li gew miksura ligijiet f'pajjiz barrani, skedat li jikkorrispondu ghal-ligijiet Maltin, li l-piena ghalihom hi ta' aktar minn tnax il-xahar u li m'humiex preskritti.

**<u>25.</u>** Ghalhekk il-Qorti billi hija sodisfatta, wara li semghet il-provi u ghamlet il-kunsiderazzjonijiet fuq imsemmija, li kollox isostni t-talba ghat-treggiegh lura ta' Romeo Bone u ma hemm l-ebda ostakolu ghal dan it-treggiegh lura, qed tibghat lil din il-persuna that kustodja ghall-fini tat-treggiegh lura lejn ir-Repubblika ta' l-Italja, skond il-Kapitolu 276 tal-Ligijiet ta' Malta, qed tibghat l-atti lil-Avukat Generali u qed tgharraf lil-persuna msemmija bil-jeddijiet taghha skond l-artikolu 16 tal-Kapitolu 276 jigifieri qed tgharrafa li ma tkunx ser titragga lura qabel ma jghaddu hmistax il-jum mid-data ta' din il-Ordni ta' kustodja u li tista' tappella lill-Qorti tal-Appell Kriminali u jekk jidhrilha li xi wahda mid-dispozzizzjonijiettas-sub-artikolu (1) u (2) tal-artikolu 10 ta' dan l-Att giet miksura jew xi dispozizzjoniji tal-Kostituzzjoni ta' Malta, tkun giet jew x'aktarx ser tigi miksura dwar il-persuna taghha hekk li tkun gustifikata ir-revoka, l-annullament jew il-modifika tal-Ordni tal-Kustodja tal-Qorti, hija ghandha dritt li titlob

rimedju skond id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 46 tal-imsemmija Kostituzzjoni.

Billi l-Qorti giet mgharrfa (ara fuq) li l-persuna imsemmija ghaddejja minn proceduri ohra, l-istess persuna m'ghandhiex titregga lura skond l-imsemmi Att jew tintbaghat jew tinzamm f'kustodja ghall-fini ta' dak it-treggih lura, sakemm ma tkunx giet mehlusa b'liberazzjoni jew meta tkun skontat is-sentenza jew xort'ohra, dejjem skond il-kaz.

Il-Qorti tordna li l-process u kopja tas-sentenza tintbaghat lil-Avukat Generali.

(ft) Dr Joseph Cassar
MAGISTRAT

Vera kopja M. Mifsud, BA
Dep Reg.

--------------------------------TMIEM--------------------------------